16 ta' Marzu, 1963

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Lawrence Scicluna

**Sewqan perikoluż — Minaċċa b'ordni — Imputazzjoni**

*Hija ġurisprudenza kostanti illi l-imputazzjoni ma tistax titbiddel fl-appell.*

Il-Qorti, rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-erbgħa (4) ta' Jannar 1963, li biha l-imputat ġie misjub ħati ta' sewqan b'manjera perikoluża, u ġie kundannat għal multa ta' ħames liri (£5), u li l-liċenzji tiegħu tas-sewqan ġew sospiżi għal żmien tliet (3) xhur.

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-provi juru li l-imputat, billi ċertu Grazzju Darmanin, ġuvnott impjegat miegħu, ma riedx joħroġ bil-ġelati għall-bejgħ, u ma marx għal dan ix-xogħol, x'ħin rah fit-triq, irrinkorrih bil-van, Darmanin kellu jieqaf, u l-imputat kelmu bil-herra sabiex iġiegħlu jagħmel ix-xogħol.

Ma jidhirx li jista' jingħad li kien hemm **sewqan periko-luż**, għax ma rriżultax li l-appellant saq il-van b'mod li seta' anki potenzjalment jagħmel ħsara lil Grazzju Darmanin, jew lil ħaddieħor u meta ngħad fil-provi li hu rassu, deher li dan kien fis-sens biss li resaq viċin tiegħu biex ikellmu.

Iċ-ċirkostanzi tal-każ kienu pjuttost jistgħu jinkwadraw fattispeċje oħra, ċioè dak ta' **minaċċa b'ordni**. Hu risaput, in-fatti, li l-minaċċa tista' tkun anki **reali**, ċioè bil-fatti (ara **Maino**, comm. art. 156, paġ. 148, para. 835, u **Puccioni**, Cod. Pen. Toscano illustrato, Vol. IV paġ. 642). F'dan il-każ, l-att tal-appellant li jirrinkorri lil Darmanin **b'atteġġament ostili** jam-monta għal **minaċċa**, u hemm ukoll l-aggravanti tal-**ordni**, għax b'dak l-att ġiet koartata l-libertà personali ta' Darmanin. Iżda dan ir-reat ma ġiex dedott, u peress li ma hux reat minuri kompriż u involut f'dak li effettivament ġie addebitat lill-ap-pellant, ma jistax issa jitqies f'din is-sedi tal-appell, peress li hi ġurisprudenza kostanti li l-imputazzjoni ma tistax titbiddel fl-appell (ara App. Krim. Pul. vs. Abela 29 Marzu 1919, Im-ħallef Dr. Parnis Pul. vs. Vincenti, 17 April 1937, u Pul. vs. Borg 13 Nov. 1937 — Imħallef sedenti) — F'dan il-każ kien ikun hemm anki l-ostakolu li dan ir-reat l-ieħor ta' minaċċa b'ordni hu titoli **aktar gravi**, għaliex, minbarra l-priġunerija għal żmien tliet (3) xhur, jikkomporta wkoll il-multa **kumu-lativa**, mentri r-reat ta' sewqan perikoluż, skond l-emendi tal-Att XXVI tal-1956, u punibili bil-priġunerija sa tliet (3) xhur iżda l-multa hi **alternativa**, u, di più, f'dan ir-reat ta' sewqan perikoluż il-piena restrittiva hi **bla minimum**, mentri fir-reat l-ieħor hemm il-**minimum ta' xahar**, — għalhekk kien ikun hemm, almenu f'din is-sedi, l-ostakolu derivanti mill-fatt li l-Pulizija laħqet iddeduċit it-titolu iżgħar (ara Rex vs. Portelli, 23 Frar 1904, Imħallef Dottor Paolo Debono). Per konseg-wenza, l-imputat ma jistax jiġi issa fl-appell ġudikat fuq dan ir-reat alternativ, u l-ieħor (dak dedott) ma jissussistix.

Għalhekk qa' l-appell fis-sens premess, tiddikjara l-imputat mhux ħat tar-reat lilu askritt, u tilliberah.